**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 15 ta' Frar, 2018**

**Talba Nru: 94/2017 PM1**

**Express Logigroup Limited (C58205)**

**Vs**

**Charles Grech (ID Nru. 1099347(M))**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fil-15 ta' Frar, 2017 illi l-konvenut ghandu jhallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' tlett elef, sebgha mija u sitta u ghoxrin euro u dsatax-il centezmu (€3726.19) rapprezentanti servizzi rezi mis-socjeta` attrici lill-konvenut fuq l-ordni tieghu stess; bl-ispejjez kontra l-konvenut inkluz s-sekwestru bin-numru 167/2017 u l-ittra legali bin-numru 37/2016 u bl-imghax fuq is-sorte sad-data tal-effettiv pagament skont il-ligi.

Ra r-risposta tal-intimat li permezz taghha eccepixxa, preliminarjament li l-konvenut m'ghandu ebda relazzjoni guridika mass-socjeta` attrici u ghalhekk ghandu jigi

liberat mill-osservanza tal-gudizzju. Bla pregudizzju ghall-premess u fil-mertu, l-ammont pretiz ghandu jigi ridott ghal €2282.10 u dana peress illi: (i) il-fattura 2294 kienet giet konsenjata '*in loose cartons without pallets and unwrapped*' u Jonathan Vella kien accetta l-claim; (ii) il-fatturi l-ohrajn kollha hlief ghal fatturi 3788 u 3836 li huma dovuti, ghandhom fihom xi '*overcharging*' u jridu jigu ridotti. Bl-ispejjez komprizi dawk tar-risposta ghall-ittra ufficjali 37/2017 mibghuta ai termini tal-art. 166A tal-Kap. 12.

Sema x-xhieda ta' Jonathan Vella in rapprezentenza tas-socjeta` attrici moghtija waqt is-seduta tat-2 ta' Mejju, 2017 flimkien mad-dokumenti ezebiti mill-istess xhud (fol. 13 sa fol. 30 tal-process).

Ra d-dokumenti ezebiti minn fol. 35 sa fol. 44 tal-process.

Ra n-nota tal-intimat datata 13 ta' Settembru, 2017 bl-affidavit tieghu stess b'sitt dokumenti annessi mieghu (fol. 47 et. seq.).

Sema' x-xhieda tal-intimat in kontro-ezami moghtija waqt is-seduta tal-24 ta' Jannar, 2018 (fol. 65 et. seq.)

Ra li waqt din is-seduta il-partijiet iddikjaraw li m'ghandhomx aktar provi.

Sema t-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet waqt is-seduta tal-31 ta' Jannar, 2018.

Ra li l-kawza gie differita ghall-ghoti tas-sentenza ghas-seduta tal-lum.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

**Ikkunsidra**

Illi permezz tal-kawza odjerna s-soċjetà attriċi qiegħda titlob il-ħlas tas-somma ta' tlett elef, sebgha mija u sitta u ghoxrin euros u dsatax-il centezmi (€3726.19) rapprezentanti kumpens ghal servizzi rezi fuq inkarigu tal-istess konvenut, liema serviġi jikkonsistu fit-trasport ta' merkanzija. Min-naħa tieghu il-konvenut issostni li, salv ghas-somma ta'

mhux kontestata ta’ elfejn mitejn u tnejn u tmenin euro u ghaxar centezmi (€2282.10), il-bilanc rimanenti jinsab kontestat ghaliex (i) preliminarjament m’hemmx relazzjoni guridika bejn il-kontendenti u, fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-surreferit, peress li (ii) il-fattura numru 2294 kienet gie ikkonsenjata, bil-kontra ta’ dak pattwit, “*in loose cartons without pallets, and unwrapped*” u, skont l-istess intimat, Jonathan Vella a nom tas-socjeta` attrici kien accetta tali *claim* u (iii) il-kont jinkludi element ta’ *overcharging*.

Illi fir-rigward tal-ewwel eccezzjoni preliminari irrizulta mit-trattazzjoni verbal ital-kaz min-naha tal-avukat tal-intimat li l-intimat qed isejjes dan l-argument tieghu esklussivament fuq il-fatt illi d-dokumentazzjoni mahruga mis-socjeta` attrici tirreferi esklussivament ghall-isem ‘express logigroup’ u mhux ghall-isem komplut tas-socjeta` attrici u cioe` Express Logigroup Limited. Madanakollu huwa car li, oltre l-isem tas-socjeta` attrici tali dokumentazzjoni (fol. 16, 17 u 18) sahansitra taghmel referenza ghan-numru ta’ registrazzjoni tal-istess socjeta` attrici fi hdan ir-Registru tal-Kumpaniji liema numru huwa proprju dak tas-socjeta` attrici. Hekk ukoll id-dokument a fol. 36 tal-process jirreferi wkoll ghall-istess socjeta` filwaqt illi huwa l-istess intimat li, permezz tal-affidavit tieghu, jikkonferma proprju r-relazzjoni guridika li huwa ghandu proprju mal-istess socjeta` attrici u dana tramite r-rwol rapprezentattiv rikopert minn Jonthan Vella. Huwa kwindi car lilhinn minn kull dubbju fil-hsieb tal-gudikant illi l-intimat kien inkariga lis-socjeta` attrici sabiex twettaq proprju s-servizzi mertu ta’ din il-kawza. Ghaldaqstant l-eccezzjoni preliminari tal-intimat qed tigi michuda.

Illi fir-rigward tal-mertu din il-kawża effettivament tiċċentra fuq kwistjoni ta’ provi konfliġġenti mressqa mill-partijiet, xi ħaġa sfortunatement komuni f’ħafna kawżi, iżda li tista’ tiġi riżolta billi wieħed jara min kien fl-obbligu jġib il-provi biex jissostanzja dak li qiegħed jiġi allegat. Min jallega jrid jipprova jew *onus probandi incumbit ei qui dicit non ei qui negat*, kif jgħid ċar u tond l-Artikolu 562 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta’ Malta u kif ġie ritenut konsistentement fil-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna. (ara f’dan is-sens **Dr. H. Lenicker vs. J. Camilleri**, Prim’Awla, 31 ta’ Mejju 1972; **Peter Paul Aquilina vs. Paul Vella**, Appell Inferjuri, 2 ta’ Mejju 1995 u **Anthony Azzopardi et. u Carmel sive**

**Charles Azzopardi nomine vs. Lapsi Holdings Limited**, Prim' Awla, 19 ta' Jannar, 2015).

Illi huwa car li l-prova tas-servizz tal-ġarr u tat-trasport tal-merkanzija inkwistjoni kienet tinkombi fuq s-soċjetà attriċi, ħaġa li indubbjament għamlet, tant illi m'hemm ebda kontestazzjoni f'dan ir-rigward anke min-naha tal-intimat, salv ghall-eccezzjonijiet imressqin minnu koncernanti il-mod ta' kif sehh tali garr u r-rati applikabbli ghall-istess. Proprju peress li l-intimat kkontesta il-mertu tal-kawza odjerna, fuq żewġ binarji u cioe` kemm minħabba allegati nuqqasijiet fir-rigward tal-konsenja relattiva ghall-fattura numru 2994 u kif ukoll minhabba allegazzjoni ta' '*overcharging*' fir-rigward ta' ghadd ta' fatturi (inkluza l-fattura numru 1806 li, skont l-intimat kellha ssir minghajr ebda hlas), kien jinkombi fuq il-konvenut li jipprova dawn l-allegazzjonijiet tieghu u cioe` r-rati li skot hu kellhom ikunu applikabbli ghat-trasport tal-merkanzija u wkoll, fejn applikabbli, li tali garr kellu jsir b'xejn.

Illi t-Tribunal ser jinvestiga u jiddeciedi l-eccezzjonijiet kif rispettivament imressqin mill-intimat fl-istess ordni li jinsabu imressqin minnu.

Huwa minnufih car li l-ewwel eccezzjoni fil-mertu tal-intimat hija dik li huwa m'ghandux ikun tenut ihallas is-somma reklamata permezz tal-fattura numru 2994. F'dan ir-rigward l-intimat jikkontendi permezz tal-affidavit tieghu li "*l-istruzzjonjiet specifici li tajt lid-ditta attrici permezz ta' email u anki verbalment direttament lil Jonathan Vella kienu li l-konsenja tigi f'pallets intatti u mhux strippjata.* (…) *Minflok il-merkanzija waslet f'5 pallets kif ordnata din waslet bla pallets, bla shrink wrapping u b'hafna affarijiet neqsin. Kienet kollha 'loose cargo' konsistenti f'111 cartons kif jidher mid-delivery note tad-driver tat-trukk u taht il-firma tieghu (ara dok JV6 a fol. 40)*" (fol. 49 tal-process). Effettivament il-verzjoni tal-intimat tinsab korroborata mid-dokument imsemmi fl-istess xhieda u ezebit a fol. 40 tal-process u minn fejn jirrizulta kemm li l-merkanzija kellha tasal f'5 pallets u kif ukoll li, minflok hekk, waslet f'111 *cartons* sfuzi. Is-socjeta` attrici, tramite x-xhieda ta' Jonathan Vella f'dan ir-rigward, tikkonferma wkoll

li "*fir-rigward ta' din il-merkanzija kien hemm xi nuqqas jew hsara*" (ara f'dan is-sens xhieda moghtija minn Jonathan Vella a fol. 14 tal-process waqt is-seduta tat-2 ta' Mejju, 2017). Is-socjeta` attrici tikkontendi li l-istruzzjonijiet moghtija mill-intimat kienu li l-merkanzija tigi fi stat 'stackable' (skont Dok JV2 a fol. 18 tal-process). Madanakollu jirrizulta li fir-rigward ta' din il-fattura partikulari kien maqbul illi l-merkanzija tasal permezz ta' 5 pallets u mhux f'kaxex sfuzi. Certament is-socjeta` attrici ma tistax tippretendi li, min-naha taghha, hija tonqos **volontarjament** fl-obbligi assunti minnha permezz tal-istess kuntratt, tirreka hsara lill-intimat u tibqa' tinsisti li l-intimat ihallas xorta wahda il-prezz **shih** ghas-servizz hekk rez – anke jekk hazin – u b'danni ghalih – minnha. (f'dan is-sens ukoll l-art. 29 tal-**Konvenzjoni CMR** (Kap. 486 tal-Ligijiet ta' Malta) li jipprovdi espressament: "1. *The carrier shall not be entitled to avail himself of the provisions of this chapter which exclude or limit his liability or which shift the burden of proof if the damage was caused by his wilful misconduct or by such default on his part as, in accordance with the law of the court or tribunal seised of the case, is considered as equivalent to wilful misconduct. 2. The same provision shall apply if the wilful misconduct or default is committed by the agents or servants of the carrier or by any other persons of whose services he makes use for the performance of the carriage, when such agents, servants or other persons are acting within the scope of their employment.*")

Illi perdipiu` jirrizulta wkoll li f'dan il-kaz l-intimat mhux qed jitlob kumpens ghad-danni sofferti (ma tressqet ebda kontro-talba f'dan ir-rigward) imma f'dan l-istadju l-intimat qieghed semplicement jikkontendi li m'ghandux ihallas jekk is-socjeta` attrici naqset fl-obbligi taghha u konsegwentement ikkawzat hsara u telf fil-merkanzija li qed iggorr.

It-Tribunal jaghmel referenza ghal dak li jinsab provdut taht l-art. 23(4) tal-**Konvenzjoni CMR** (Kap. 486 tal-Ligijiet ta' Malta) u cioe` li "***carriage charges, Customs duties and other charges incurred in respect of the carriage of the goods shall be refunded in full in case of total loss and in proportion to the loss sustained in case of partial loss*** *(...)"* u jsib illi l-intimat ghandu ragun li jitlob tnaqqis ta' **parti** mill-hlas dovut fir-rigward tal-fattura

2994 relattiv ghall-prezz ta' €987.85 skont Dok. 'A' anness mal-avviz. It-Tribunal, wara li ra li l-hsara skont email datata 10 ta' Mejju, 2015 (Dok. CG5 a fol. 55 tal-process) kienet tinvolvi 4 kaxex neqsin u 15 il-kaxxa b'merkanzija nieqsa (minn total ta' 111 kaxex sfuzi li gew imwasslin Malta) isib li f'dan ir-rigward din il-fattura ghandha tigi ridotta b'17% in proporzjon man-nuqqas hekk riskontrat. Kwindi it-Tribunal isib li fir-rigward tal-fattura 2994, l-intimat huwa debitur tas-socjeta` attrici fis-somma ta' €819.92 wara **<u>tnaqqis ta' €167.93</u>** (ekwivalenti ghat-tnaqqis ta' 17% imsemmi).

Illi fir-rigward tal-*overcharging* allegat mill-intimat, dan ukoll kellu jigi pruvat mill-intimat li f'dan ir-rigward jistrieh fuq id-dokumentazzjoni a fol. 35 u 36 tal-process u cioe` email datata 25 ta' Settembru, 2015 mibghuta minn Lara Pellegrini li tikkonferma il-*credit notes* li kellhom jinhargu favur l-istess intimat u wkoll ittra datata 30 ta' Jannar, 2017 permezz ta' liema l-istess intimat jaghmel referenza ghall-istess email u l-htiega li jinhargu tali *credit notes*. Ghalkemm tali ittra taghmel referenza ghas-somma ta' Eur 1327.22, effettivament l-email imsemmija tirreferi ghal *credit notes* likwidati mit-Tribunal fis-somma komplessiva ta' Eur 260 u Vat fuq l-istess ghal total ta' Eur306.80. Jidher, skont id-dokument a fol. 39, li is-socjeta` attrici qed issa tikkoncedi kreditu fis-somma ta' Eur230.81 (Vat inkluza) b' tali mod illi s-somma mitluba giet effettivament ridotta minn dik ta' €3726.19 ghal dik ta' €3495.38 – dan ukoll a bazi tas-sottomissjonijiet verbali li saru mid-difensuri legali tal-partijiet rispettivi. Min-naha l-ohra it-Tribunal jinnota li Jonathan Vella xehed li "*min-naha tal-intimat nghid pero` li qatt ma rcevejna ebda korrispondenza fis-sens li kien hemm xi overcharging u fiex jikkostitwixxi dan l-overcharging almenu jiena m'inix a konoxxenza ta' dan*", dan proprju bil-kontra ta' dak li jirrizulta car mid-dokumenti ezebiti a fol. 35 u 36 tal-process. L-intimat jikkontendi li, apparti tali kreditu issa biss koncess mis-socjeta` attrici hemm kreditu ulterjuri li jispetta lilu kif dettaljat permezz tal-affidavit tieghu fir-rigward tal-fatturi 3731 u 3837 ammontanti ghas-somom komplessivi ta' €97.47 fir-rigward tal-fattura 3731 u €46.20 fir-rigward tal-fattura 3837. F'dan ir-rigward it-Tribunal isib li l-intimat huwa gustifikat biss fir-rikjesta tieghu ghat-**<u>tnaqqis ta' €43.79</u>** (skont para 2(A)(i)

tal-affidavit tieghu) u **<u>ta’ €13.82</u>** (skont para. 2(a)(ii) tal-affidavit tieghu) fir-rigward tal-fattura 3731 u dana a bazi tad-dokumentazzjoni annessi mal-istess affidavit tieghu a sostenn tat-tezi tieghu u minn fejn jirrizulta kjarament li r-rati applikabbli kienu proprju dawk indikati mill-intimat stess fl-istess affidavit tieghu. Aktar minn hekk, ma jirrizulta minn imkien dak minnu allegat li dan it-trasport kellu jkun Free on Board u kwindi it-Tribunal isib li ebda tnaqqis ulterjuri m’hu dovut f’dan ir-rigward.

Illi fir-rigward tal-fattura 3837 it-Tribunal isib li anke hawnhekk l-intimat m’huwiex gustifikat fit-talba tieghu ghal tnaqqis u dana ghaliex ma rnexxielux jipprova dak minnu allegat u cioe` li r-rati li kellhom jigu applikati huma dawk indikati minnu fl-affidavit tieghu. B’mod partikulari, minn imkien ma jirrizulta kemm il-metru kubu kienet tiehu din il-merkanzija partikulari li hija indikata fl-istess fattura biss b’referenza ghall-piz taghha (485kg). Ghaldaqstant it-Tribunal isib li fir-rigward tal-fatturi imsemmija 3731 u 3837 is-somma mitluba ghandha tigi imnaqqsa b’dik komplessiva ta’ €57.61.

Illi l-intimat jikkontendi wkoll li fir-rigward tal-fattura 1806 din “*ma kienetx bi hlas*”. L-intimat jikkontendi li kien lahaq ftehim f’dan is-sens ma’ Jonathan Vella li “*kien qalli “Agreed – Free of Charge*”. Ghalkemm f’dan ir-rigward l-intimat jghid li ftehim intlahaq biss bil-fomm it-Tribunal jinnota li permezz tal-email taghha datata 25 ta’ Settembru, 2015 Lara Pellegrini a nom tas-socjeta` attrici kienet baghtet tinforma lil Jonathan Vella li fir-rigward ta’ din il-fattura kellha tinhareg *credit note* fis-somma ta’ €92 u VAT (u cioe` ghas-somma globali ta’ €108.56 (li huwa proprju l-bilanc totali mitlub fir-rigward ta’ tali fattura ukoll skont id-dokument anness mal-avviz a fol. 2 tal-process). It-Tribunal ghaldaqstant isib li f’dan ir-rigward l-intimat irnexxielu jipprova li kien effettivament intlahaq ftehim fis-sens li din il-fattura kellha effettivament tigi imhassra. Ghaldaqstant f’dan ir-rigward it-Tribunal isib li **<u>l-ammont mitlub ghandu jigi ridott ukoll bis-somma imsemmija ta’ €108.56.</u>**

Illi ghaldaqstant tenut kont is-surreferit u kwindi li l-eccezzjonijiet fil-mertu tal-intimat qed jintlaqghu fis-somma ta’ €334.10 u wkoll li s-somma mitluba giet ridotta fil-mori

ghal dik ta’ €3495.38 (skond Dok. JV4 a fol. 38 tal-process), it-Tribunal isib li l-intimat huwa debitur tas-socjeta` attrici fis-somma bilancjali ta’ €3161.28.

Illi fir-rigward tal-imghaxijiet, tenut kont tac-cirkostanzi surreferit, dawn ghandhom jibdew jiddekorru fir-rigward tas-somma likwidata permezz ta’ dawn il-proceduri mid-data tas-sentenza. Avut rigward tas-somma likwidata permezz ta’ dawn il-proceduri, it-Tribunal ser jordna wkoll li l-ispejjez tal-kawza jigu spartiti 3/4 a karigu tal-intimat u 1/4 a karigu tas-socjeta` attrici.

Ghaldaqstant it-Tribunal filwaqt illi jichad l-ewwel ecezzjoni preliminari tal-intimat, qieghed jilqa’ limitatament l-eccezzjonijiet fil-mertu tal-intimat, jilqa’ wkoll limitatament it-talba attrici fis-somma ta’ tlett elef, mija u wiehed u sittin euro u tmienja u ghoxrin centezmi (€3161.28) u jikkundanna lill-intimat ihallas lis-socjeta` attrici is-somma imsemmija ta’ tlett elef, mija u wiehed u sittin euro u tmienja u ghoxrin centezmi (€3161.28) jichad l-eccezzjonijiet tal-intimat ghall-bqija, bl-imghaxijiet fuq l-istess somma mid-data tas-sentenza u bl-ispejjez tal-kawza jigu sopportati in kwantu ghal tlett kwarti (3/4) mill-intimat u kwart (1/4) mis-socjeta` attrici.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.**

**Gudikatur**